32003D0525



# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-18 ta' Lulju 2003**

**li tiddiferixxi d-data ta' l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/36/KE għal ċertu apparat tal-pressjoni li jista' jinġarr**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2003) 2591)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2003/525/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 1999/36/KE tad-29 ta' April 1999 dwar apparat tal-pressa li jista' jinġarr [1] kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/50/KE [2], u b'mod partikolari bl-Artikolu 17(2) tagħha,

Billi:

(1) M'hemm l-ebda speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati u l-ebda referenzi adegwati għall-livelli Ewropej li huma rilevanti ma ġew miżjuda ma' l-Annessi għad-Direttiva tal-Kunsill 94/55/KE tal-21 ta' Novembru 1994 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward it-trasport bis-sewqan ta' prodotti perikoluż [3], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/28/KE tas-7 ta' April 2003 [4] u għad-Direttiva tal-Kunsill 96/49/KE tat-23 ta' Lulju 1996 dwar l-approsimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward it-trasport ta' prodotti perikoluż bil-ferrovija [5], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/29/KE tas-7 ta' April 2003 [6], għaċ-ċilindri ta' pressjoni, gruppi ta' ċilindri u t-tankijiet imsemmija fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 1999/36/KE. Bħala konsegwenza, id-data ta' l-implimentazzjoni tad-Direttiva 94/55/KE għandha għalhekk tkun differita fir-rigward ta' dan l-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr.

(2) L-Artikolu 18 tad-Direttiva 1999/36/KE jistabbilixxi li, matul perijodu ta' transizzjoni ta' 24 xahar mill-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw id-dħul fis-suq u l-użu ta' l-apparat tal-pressjoni li jista' jinġarr li jikkonforma mar-regolamenti fis-seħħ fit-territorju tagħhom qabel l-1 ta' Lulju 2001. Bħala konsegwenza, id-data ta' l-iskadenza ta' dak il-perijodu għandha tkun differita wkoll.

(3) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat għat-trasport ta' prodotti perikoluż stabbilit skond l-Artikolu 9 tad-Direttiva 94/55/KE.

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-data ta' l-implimentazzjoni tad-Direttiva 1999/36/KE hija differita għall-1 ta' Lulju 2005 fir-rigward taċ-ċilindri ta' pressjoni, il-gruppi ta' ċilindri u t-tankijiet.

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw id-dħul fis-suq u l-użu ta' l-apparat imsemmi fl-Artikolu 1 li jkun konformi mar-regolamenti fis-seħħ fit-territorju tagħhom qabel l-1 ta' Lulju 2005 sa 24 xahar minn dik id-data u għandhom jawtorizzaw l-użu sussegwenti ta' apparat bħal dan imdaħħal fis-suq qabel dik id-data.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2003.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-18 ta' Lulju 2003.

*Għall-Kummissjoni*
Loyola DE PALACIO
*Viċi-President*

---

[1] ĠU L 138, ta' l-1.6.1999, p. 20.
[2] ĠU L 149, tas-7.6.2002, p. 28.
[3] ĠU L 319, tat-12.12.1994, p. 7.
[4] ĠU L 90, tat-8.4.2003, p. 45.
[5] ĠU L 235, tas-17.9.1996, p. 25.
[6] ĠU L 90, tat-8.4.2003, p. 47.